**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Frar, 2025

Rikors Ġuramentat: 244/16AL

**A B *sive* C D**

**vs.**

**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

*Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat fis-16 ta' Marzu, 1986, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal F u G, ilkoll maggorenni.*

[1] Fol. 1.

*Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi, tant li llum il-hajja konjugali giet reza mpossibli u tkissret irrimedjabbilment.*

*Illi b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat lill-kontendenti sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni, wara li l-medjazzjoni ma sehhitx.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha*

(i) *Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi D minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi, kif ukoll talli z-zwieg tkisser irremedjabbilment u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;*

(ii) *Tiffissa retta alimentari ghall-esponent;*

(iii) *Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi D u tordna li l-istess oggetti formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-intimat, u billi jigi nnominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

(iv) *M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmija intimat l-oggetti tad-dispozizzjoni tal- Artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parti.*

*Bl-ispejjes.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru 2016 li bih il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b’kawża u dan fit-termini mposti mill-liġi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa:

1. *Filwaqt illi l-esponent ma jopponix għall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejnu u bejn l-attriċi, ladarba martu ma tridx tkompli tgħix miegħu, huwa jsostni li s-separazzjoni għandha tiġi ppronunzjata għaliex iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment mhux minħabba tortijiet imputati lilu fir-rikors guramentat, iżda għat-tortijiet ta' l-attrici nnifisha li rrendiet ruħha hatja ta' eċċessi, ingurji, sevizzi u theddid min-naħa tagħha lejn il-konvenut u lejn it-tfal, u għamlet il-ħajja taż- żwieġ impossibli minħabba l-aġir tagħha peress li tbati minn problemi psikjatriċi.*

2. *L-esponent jiċħad li qatt kien infidil lejn martu jew li qatt kien vjolenti magħha. L-attriċi kienet dejjem taħseb hazin fih u takkużah li qiegħed iħares lejn nisa oħra u tgħajjru kontinwament; bdiet tiffissa fit-tindif b'mod eżagerat u dejjem isibha imdejqa. Hu kellu jieħu paċenzja kbira biha biex żamm il-familja flimkien. Kien hemm żmien meta l-kundizzjoni tagħha iddeterjorat u minħabba l-aġir irresponsabbli tagħha l-esponent kellu ta' bilfors jehodha għand psikjatra għal kura. Kien hemm żmien meta ppruvat tagħmel suwiċidju u l-psikjatra irrikoveraha l-Isptar Mount Carmel. Kien hemm perjodi meta kienet tkun xi ftit tajba imma wara ċertu żmien terġa' tibda bil-problemi u, minħabba l-akkużi foloz li iddeċidiet li takkużah bih, spiċċat biex titlob is-separazzjoni.*

3. *Il-konvenut jopponi għat-talba ta' l-attriċi li tiehu l-manteniment mingħandu għaliex hija kapaċi taħdem u fil-fatt, barra x-xogħol tad-dar u t-tisjir li tagħmel fid-dar matrimonjali, hija ssajjar għal ħutha kuljum u titħallas mingħandhom u tmur taħslilhom id-dar u titħallas ukoll. L-istess kif taħdem ma' tal-familja tagħha, tista' tmur u hi kapaċi tmur taħdem ma' terzi u tgħix għal rasha kif tixtieq hi.*

4. *Filwaqt illi l-esponent jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tiġi xolta, likwidata u diviza u dan wara illi jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-partijiet, għandha, però, tiġi maqsuma f'żewġ ishma*

[2] Fol. 15.

*mhux neċessarjament indaqs, u dak is-sehem superjuri għandu jiġi assenjat lill-esponent u dan billi kienet l-imġieba ta' l-attriċi u mhux ta' l-esponent li wasslet għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u għaldaqstant l-effetti, in kwantu huma applikabbli, ta' l-artikoli 48 sa 53 fejn jirreferi għall-artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati favur il-konvenut.*

5. *L-esponent ma għandux ibati l-ispejjeż minħabba li ma huwiex ħati għat-tkissir taż-żwieġ u fil-medjazzjoni, sabiex jintlaħaq ftehim bonarju, kien ukoll wera li dispost jikkonċedi t-talbiet tagħha dwar il-qsim tal-komunjoni.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut[3] li fiha ppremetta illi:

1. *Il-kontendenti iżżewġu fis-16 ta' Marzu 1986.*

2. *L-ulied minn dan iż-żwieġ huma maġġorenni.*

3. *Il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti giet reza impossibli u b'hekk tkissret irremedjabilment minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-attriċi li rrendiet ruħha ħatja ta' eċċessi, ingurji gravi, sevizzi u theddid u għamlet il-ħajja taż-żwieġ impossibli.*

*Tgħid għalhekk l-attriċi għala ma għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti bi ħtija ta' l-attriċi minħabba eċċessi, sevizzi, ingurji gravi u theddid, u għax iż-żwieġ tkisser b'mod irremedjabbli minħabba raġunijiet unikament imputabbli għaliha;*

[3] Fol. 10.

2. *Tapplika kontra l-attriċi is-sanzjonijiet li taħseb għalihom il-liġi fosthom dawk taħt l-artikoli 48, 51, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi tgħid li l-attriċi tilfet id-drittijiet imsemmija fl-istess artikoli;*

3. *Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;*

4. *Tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet, mhux bilfors indaqs, u tassenja s-sehem superjuri lill-konvenut u s-sehem l-ieħor lill-attrici, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fit-tieni talba, u jekk ikun meħtieġ taħtar periti għal dan il-għan.*

5. *Tikkundanna u tordna lill-attriċi tirrestitwixxi lill-konvenut il-proprjetà parafernali kollha tiegħu.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija minn issa mħarrka sabiex tidher għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenjenti;

Rat ir-risposta tal-attriċi rikonvenuta[4] għall-kontro talba tal-konvenut:

1. *Illi ghalkemm l-esponenti taqbel illi hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tigi ddikjarata separazzjoni dan huwa minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat u topponi ghal ewwel talba f'dan is-sens u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.*

2. *Illi l-esponenti topponi ghat-tieni talba u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi ma topponix ghat-tielet talba.*

4. *Illi taqbel illi ghandha ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kommunjoni, b'dana pero' illi l-esponenti ghandha tinghata sehem superjuri u dan minhabba li t-tort tas-separazzjoni hija unikament*

[4] Fol. 15.

*attribwita lill-intimat u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.*

5. *Illi topponi ghal-hames talba stante illi m'għandha ebda proprjeta' parafernali tal-intimat fil-pussess taghha.*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjes tal-kawza, kif ukoll tal-kontro-talba.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenuta;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 230/1986;[5]

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 2017[6] f'liem seduta l-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tat-22 ta' Ġunju 2023[7] fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Abigail Critien *stante* li din ġiet elevata għall-Maġistratura u ssostitwitha b'Dr MaR Pace Dimech bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien u mill-Assistent Ġudizzjarju Dr MaR Pace Dimech, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[8]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut;[9]

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

---

[5] Fol. 3.
[6] Fol. 21.
[7] Fol. 26.
[8] Fol. 511.
[9] Fol. 529.
[10] Seduta tat-2 ta' Ottubru 2024 a fol. 565.
[11] Idem.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi minħabba adulterju, sevizzi, moħqrija, theddid, eċċessi u nġurji gravi li rrendew il-ħajja konjugali impossibli u li minħabba fihom ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimeddjabbilment. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ minħabba raġunijiet indikati fir-rikors ġuramentat odjern u li abbażi tagħhom qiegħda titlob il-firda personali;

2. Tillikwida ammont ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli lilha mill-konvenut;

3. Ixxolji, tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet f'żewġ ishma li jiġu assenjati lil kull waħda mill-konjuġi;

4. Ma japplikax kontra l-konvenut l-effetti maħsuba fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 (għalkemm il-Qorti hija konvinta li hawn sar żball tal-pinna).

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, filwaqt li jiddikjara li jaqbel mal-pronunzjament tas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li s-separazzjoni għandha tkun pronunzjata kawża ta' nuqqasijiet attribwibbli lill-attriċi u joġġezzjona għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-għoti tal-manteniment lill-attriċi, l-

applikazzjoni tas-sanzjonijiet u ma jopponix li tiġi xolta, likwidata u diviża l-komunjoni tal-akkwistu u dan wara li jiġu identitfikati l-beni parafernali u s-sehem superjuri jingħata lill-konvenuta minħabba li kienet l-attriċi li kienet ħatja għat-tifrik taż-żwieġ.

Huwa jippreżenta wkoll kontro-talba li fiha jitlob illi l-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi ħtija tal-attriċi minħabba eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u theddid u għax iż-żwieġ tkisser irremedjabilment minħabba raġunijiet unikament imputabbli lilha;

2. Tapplika kontra l-attriċi l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet u tassenja s-sehem superjuri lilu, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija qabel u tikkundanna lill-attriċi tirrestitwixxi lilu l-proprjetà parafernali tiegħu.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

a. <u>*Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:*</u>

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat fis-26 ta' Mejju 2017,[12] u tgħid li bdiet toħroġ mal-konvenut meta kellha tmintax (18)-il sena u hu kien ikbar minnha sitt (6) snin, u wara tliet (3) snin iżżewġu u kellhom żewġt (2) t'itfal. Tgħid li fil-bidu tal-ħajja miżżewġa kienu kuntenti u ma jonqoshom xejn. Il-konvenut kien jaħdem ta' tellar u maż-żmien beda jaħdem għar-rasu.

Tgħid li xi ħmistax (15)-il sena ilu iżda bdiet tissuspetta li l-konvenut għandu relazzjoni ma' mara oħra. Tgħid li lilha ma bedhiex iżiegħel biha bħal qabel, beda jkollu riħa ta' fwieħa, u jagħmel ħinijiet twal ix-xogħol. Tgħid li meta affrontatu huwa ammetta magħha li kien qiegħed f'relazzjoni

---

[12] Fol. 22.

ma' mara mill-Isla u li din kellha t-tifel bi bżonnijiet speċjali. Tgħid li dwar dan qalet lil oħtha, kif ukoll lil tnejn minn ħutu li kif ikkonfrontawh ammetta magħhom ukoll. Tgħid li l-konvenut iddispjaċih ta' li għamel u marru għall-*counselling* għal madwar sitt (6) xhur sakemm il-konvenut iddeċieda li ma jmorrux aktar u wara ftit reġgħu bdew bil-problemi.

Tgħid li kien jgħidilha li ma kinitx tajba għal relazzjonijiet intimi u beda jgħajjarha *blocked u skaduta* u li qisha xadina u maħmuġa. Tgħid li r-relazzjoni bdiet tgħejjiha u kultant kienet tmur biex taqta' ftit torqod għand it-tifel ta' oħtha. Beda mbagħad ikollhom problemi minħabba li tgħid li ma bedhiex jagħtiha flus biżżejjed biex jgħixu għaliex kien jgħid li m'għandux xogħol. Tgħid li hi kienet tmur il-garaxx biex turih li mhux ser jidħaq biha.

Tgħid li kienet marret għand Dr Peter Muscat meta l-mara ta' ħuha kienet issuġġeritilha tagħmel dan minħabba li kienet anzjuża. Tgħid li mbagħad darba ħadha l-konvenut wara li qal li waqt li kienu fil-karozza jilletikaw dawwritlu l-*isteering wheel* u kważi ħabtu. Dakinhar, il-konvenut tkellem ma' Dr Muscat u spiċċat għamlet għaxart (10) ijiem l-Isptar Monte Karmeli. Issostni li dan kien minħabba li Dr Muscat kien tkellem biss mal-konvenut u dan qagħad fuq il-verżjoni tiegħu.

Tgħid li mbagħad ammetta magħha li kellu relazzjoni ma' ċertu Jacqueline li kienet issewwi l-karozza għandu u meta ma kienx ikun sew magħha kien imur għandha biex ikollhom relazzjonijiet intimi. Tgħid imbagħad li ma baqax magħha u ammetta ma' oħtha wkoll li kien ma' din Jacqueline.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi pproduċiet is-segwenti xiehda:

> *i. Affidavit ta' H I ossia oħt l-attriċi*[13] li tixhed illi hija tiftakar iż-żwieġ tal-partijiet bħala wieħed normali u li kien għadda ż-żmien sew meta bdew bl-inkwiet. Tiftakar meta l-konvenut mar id-dar tagħhom u kien qed jibki u kien jidher imħawwad u qalilhom li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-attriċi martu titpoġġa Monte Karmeli. Tgħid li hi ħadet qatgħa għaliex ma kinitx taf li oħtha qatt kellha problemi psikoloġiċi.

[13] Preżentat permezz ta' Nota tal-24 ta' April 2017 a fol. 19.

Tgħid li dakinhar kienet qaltlu jmur id-dar u biex imbagħad jitkellmu meta jkun iktar kalm.

Tispjega li mbagħad kienet marret tara lil oħtha l-attriċi u li din qaltilha li kellha problema mal-konvenut għaliex kienet saret taf li kien f'relazzjoni oħra u ħaditha bi kbira ħafna. Tgħid li hi mbagħad, l-għada, kkonfrontat lill-konvenut li kien ammetta magħha li tfajla ttantatu u kien ukoll biesha. Tgħid li wara li oħtha ħarġet mill-Isptar il-konjuġi ma kienux jidhru kuntenti bħal qabel u l-konvenut ħafna drabi ma kienx baqa' jmur għandhom u kienet tmur oħtha weħehda.

Tgħid li kienet bdiet tqatta' ħin għandhom u hi u ħutha li kienu joqgħodu flimkien kienu offrewlha li tibda tixtrilhom l-ikel u ssajrilhom għal mitt Ewro (€100) fil-ġimgħa. Oħtha mbagħad qaltilhom li kien impossibli li ssalva ż-żwieġ u li kienet baqgħet tinsisti li l-konvenut qatt ma waqaf għal kollox ir-relazzjoni ma' din it-tfajla.

In kontro-eżami[14] tgħid li meta kienet kellmet lill-konvenut wara li l-attriċi daħlet l-isptar hu kien beka ħafna u qalilha li kienet marret waħda biex isewwilha l-karozza u ma kellix biex tħallsu u minflok waqa' għaliha. Tgħid li mbagħad pruvat tikkalma l-affari. Wara l-inċident tal-isptar, tgħid li l-attriċi baqgħet tgħix ma' żewġha madanakollu kienu jiġġieldu ħafna għax baqgħet tissuspetta li kellu lil xi ħadd.

*ii. Xhieda ta' J K L ossia oħt il-konvenut li tixhed waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2018*[15] li tgħid li tiftakar meta kienu tkellmu mal-konjuġi fil-preżenza ta' oħtha oħra u t-tifla tal-partijiet, u l-attriċi kienet bdiet tgħid li ratu ma' ħaddieħor u li kienet qabditu magħha, iżda li l-konvenut ċaħad kollox. Tgħid li dan kien ilu madwar ħmistax (15)-il sena u ma taf li ltaqgħu qatt iktar biex jiddiskutu r-relazzjoni.

*iii. Affidavit ta' M N ossia n-neputija tal-attriċi*[16] li tgħid li affaċjat lill-attriċi b'ċerta aġir tal-konvenut li kienet bdiet tinnutah isegwiha u

---
[14] Seduta tat-8 ta' Lulju 2021 a fol. 189.
[15] Fol. 85.
[16] Preżentat permezz ta' Nota datata 12 ta' April 2018 a fol. 89.

ssibu ma' wiċċha fejn tmur, per eżempju għand il-grocer, fejn kienet toqgħod il-Marsa, meta hu kien joqgħod Ħaż-Żabbar, u wkoll viċin l-iskola tat-tifla tagħha. Tgħid li kien hemm darba fejn ħaditlu l-karozza tagħha u sabitu taħt karozza liebes indiċenti meta kien jaf li kienet sejra hi u kien qalilha li filgħodu kien għamel affarijiet indiċenti. Tgħid li hi kienet ħassitha skomda ħafna. Tkompli li anke kien hemm darba fejn fetaħ qalbu magħha dwar ir-relazzjoni intima li kellu ma' martu. Tgħid li dan qalitu kollu liz-zija tagħha, l-attriċi, meta din tal-aħħar kienet akkużatha li hi qed tittantalha lil żewġha. Tgħid li l-attriċi kienet ċemplitilha fil-preżenza tiegħu u li kien ammetta kollox u minn dakinhar ma reġax għamel kuntatt magħha.

In kontro-eżami[17] hija tinsisti li kienet issib lill-konvenut kull fejn tmur u li l-garaxx tal-konvenut kien f'Albert Town u l-ħanut fejn kienet tmur hi u ssibu hemm kien ħdejn il-knisja.

## *b. Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit ppreżentat fl-20 ta' Novembru 2023[18]. Huwa jgħid li ltaqa' mal-attriċi meta kellu erbgħa u għoxrin (24) sena u hi kellha tmintax (18)-il sena u dak iż-żmien l-attriċi kienet taħdem ġo fabbrika ta' *CP* ġewwa l-Ħamrun.

Jgħid li minn qabel ma żżewwġu kellhom problemi bejniethom minħabba ex namrat tal-attriċi li kien baqa' jsegwiha u jgħawwiha kontra l-familja tal-konvenut. Jispjega li kienet tbati ħafna bil-burdati u kienet tbiddel il-burdata malajr wara li kien ikun kellimha xi ħadd jew wara li ddaħħal xi ħaġa f'moħħha. Jispjega li f'dawn il-mumenti ma kienx jista' jikkomunika magħha u ma kinitx turih affett għalkemm hu kien jgħidilha ħafna li jħobbha u dejjem ħerqan li jaqtalha xewqitha. Jgħid li minn naħa tiegħu kien paċenjuz ħafna magħha u kien iċedi u jerġgħu jirranġaw. Jgħid li kienet diffiċli ħafna meta kienet iddaħħal xi ħaġa f'moħħha jew meta jgħawwiha xi ħadd. Jgħid li martu kienet dejjem tipprova ssaħħaħ l-argument tagħha "*b'dak li "qalulha n-nies*"".

---

[17] Seduta tat-2 ta' Diċembru 2020 a fol. 138.
[18] Fol. 345.

Jispjega kif beda jaħdem *self employed* bħala tellar fl-1995 sakemm imbagħad ħa l-pensjoni iżda baqa' jaħdem minħabba "*li għandi bżonn inġemma biżżejjed flus biex inkun nista' inħallas is-sehem ta' marti*".

Jgħid li t-tnejn kienu dedikati għall-familja u hu kien iħobbha ħafna. Jgħid li filwaqt li hu kien jaħdem għall-familja, martu kienet tieħu ħsieb id-dar u t-tfal tant li dawn it-tnejn komplew l-iskola u gradwaw. Jgħid iżda li kienet tgħamillu ħajtu nfern għaliex kellha karattru dgħajjef u temmen kollox filwaqt li kien dejjem jissaporti l-fissazzjonijiet tagħha u jinsa l-offiżi. Jgħid li kien iħoss li kellha ossessjoni li ssib xi ħaġa ħażina fih biex tkun tista' titilqu. Jgħid li issa jifhem li martu fil-verità ma riditx tiżżewwġu u li kienet għadha tħobb lil ġuvni ta' qabel iżda kienet ċediet għall-pressjoni ta' ommha li hu stess kien iħossha tgħaġġilhom biex jiżżewwġu.

Jispjega li qatt ma ħalliha nieqsa mill-flus u li kien jieħu gost jaraha tixtri l-ħwejjeġ għaliha u għat-tfal. Jgħid li hi kienet tgħin lit-tfal fl-istudji tagħhom u hu kien jipprova jagħtiha appoġġ wara x-xogħol iżda kienet tmexxi kollox hi u hu kien iċedilha biex jevita l-ġlied għaliex jekk kienet iddaħħal xi ħaġa f'moħħha ma kinitx tibqa' tirraġuna. Kien iħalli kollox għaddej kif trid hi għaliex inkella kienet taqla' argument. Jgħid li kienet ukoll spiss tgħidlu li jittantawha ħafna rġiel iżda kien jaħseb li tgħidlu hekk biex tinkih u għax kienet tiffitta f'kollox. Jgħid li minkejja dak li kienet tgħidlu, hu qatt ma naqasha fid-doveri tiegħu ta' raġel miżżewweġ.

Jgħid li wara li martu għamlet operazzjoni biex tneħħi fibroma u ma setax ikollha iktar tfal, bdiet tbati minn *depression* u bdiet taħseb ħażin fih u tagħmillu ħajtu infern għal xejn b'xejn. Kienet tagħmel żminijiet taqbad u titlaq għand familjari tagħha u darba anke qaltlu li marret għand saħħara u wara dan l-episodju jgħid li iktar tgerfxet.

Jirrakkonta kif is-sitwazzjoni marret iktar għal l-agħar tant li mbagħad hu u H I, l-mara ta' ħuha, iddeċidew li jkellmu lil Dr Etienne Muscat għaliex kienet bdiet taqbad tgħajru u tgħolli leħenha meta jkun għadu kif ġie mix-xogħol u lanqas ikun għadu kellimha, u darba oħra kien qed isuq u dawwritlu l-*isteering* biex jitlef il-kontroll. Jgħid li kienet saħansitra bdiet

iddawwar iċ-ċintorin ma' għonqa u hu jmur ineħħihulha. Kien anke jżiegħel biha biex tiekol għaliex tilfet il-piż.

Jgħid li Dr Etienne Muscat kien irreferihom l-isptar għaliex quddiemu qalet li trid tneħħi ruħha b'idejha u l-professjonista li raha Mater Dei issuġġerixxa li tqatta' lejl hemm iżda hi ma riditx u ddeċiedha li jibgħatha l-Isptar Monte Karmeli. Jgħid li hu kellu nkwiet u dipjaċir kbir b'dan. Jgħid li l-isptar kompliet tiffissa u taħseb ħażin fuqu u li meta marret lura d-dar is-sitwazzjoni kompliet sejra għal l-agħar u li lanqas kienet tieħu l-pilloli li preskrivewlha għaliex kienet tgħid li m'għandhiex bżonnhom. Bdiet imbagħad takkużah ukoll li kien hu li ħadha l-Isptar Monte Karmeli. Il-ġlied ta' bejniethom żdied u jgħid li ma setax isib tarfha. Kien hemm drabi fejn fid-dagħdiha anke refgħet idejha fuqu u hu kien jistenna li jgħaddilha.

Jgħid li mbagħad bdiet tmur toqgħod miegħu ix-xogħol, ġo kamra ċkejkna mmens, minħabba li s-suspetti tagħha żdiedu sew u kienet toqgħod tikteb in-numri tal-karozzi tan-nies. Kienet baqgħet tissuspetta ħażin f'kull min tara' għaddej u dieħel fil-garaxx. Jgħid li kienet taqbad mal-klijenti u kien jimbarazza ruħu. Darba anke bagħtet lil ħuha O ħamest ijiem ħdejh minflokha.

Jgħid li issa sar jaf mill-affidavit li għamlet, li n-neputija tagħha M N minflok ma għenitha għawwietha kontrih u vvintat fuqu. Jgħid li martu kompliet tivvinta stejjer u takkużah bihom. Isemmi inċidenti oħra bħal meta akkużatu li ħobża li kien hemm fuq is-seat ta' karozza li kien qed isewwi kienet ħallietielu mara u inċident ieħor fejn bdiet tiffissa li għandu post il-Birgu u darb'oħra Marsaskala. Isemmi wkoll meta ħutu J K L u T marru d-dar tiegħu biex ikellimihom u l-attriċi qaltilhom li ratu ma' mara oħra u kienet libset parrokka u marret ma' ħabiba oħra u qabdithom. Oħtu qaltlu li ma emmnithiex għax allura għalfejn ma affaċjatux dak il-ħin. Bdiet anke tgħid li qed tisma' l-ilħna.

Jgħid li t-tfal irrealizzaw li ommhom għandha bżonn l-għajnuna u kienu kellmu lil Dr Peter Muscat u kkonvinċewha li jmorru l-familja kollha għandha. Jgħid li bil-pilloli kienet ġiet għall-aħjar imma wara ftit waqfet teħodhom. Jgħid li huma ma kienux jistgħu jisfurzawha. Jgħid li għalkemm is-sitwazzjoni qatt ma ġiet lura għall-aħjar, draw jgħixu biha u

maż-żmien l-attriċi bdiet torqod f'kamra oħra. Jgħid li hu baqa' jagħtiha flus fil-ġimgħa għall-familja għaliex it-tfal kienu jmorru jieklu hemm u mbagħad meta l-Qorti ddekredat li jagħtiha l-manteniment hi ddeċidiet li titlaq mid-dar u tmur tgħix ma' ħutha l-Ħamrun. Jgħid li kienet iddeċidiet hi li titlaq mid-dar u dak iż-żmien għalkemm kienu għaddejjin mis-separazzjoni, jgħid li kienet għadha tħallih ikun intimu magħha u dan kien fatt li jħawwdu. Jgħid li hu baqa' jfittixha għaliex kien attrat lejha iżda anke f'dan kienet tikkmanda hi tħallihx jew le. Jiċħad li żgur qatt m'għajjarha miġnuna u jgħid li hu żgur ma kienx ser jgħajjar lil omm uliedu b'dan il-kliem u anzi baqa' jieħu ħsiebha sal-aħħar. Jgħid li dwar Jacqueline li ssemmi martu hu lanqas biss jafha u ma jafx għal min qed tgħid.

Jirreferi wkoll għall-affidavit ta' M N u jiċħad li kien qal lill-attriċi li M N kienet ittantatu. Jgħid li M N la ttantatu u lanqas hu ma qal lill-martu li ttantatu. Jgħid li l-garaxx tax-xogħol tiegħu qiegħed il-Marsa u għalhekk kien imur jixtri minn hemm kull ma kien ikollu bżonn u ġieli nzerta lil M hemm. Jgħid li kien isellmilha u jkellimha xi ftit u ġieli offrielha li jwasslilha xi żewġ basktijiet iżda dan peress li kienet in-neputija ta' martu u mhux għax ried jittantaha. Ikompli jiċħad l-allegazzjonijiet ta' M N u jgħid li dak li kienet tagħmel hi tefgħetu fuqu. Jgħid li darba saħansitra waqqfitu meta kien għaddej mat-tifla li kellha sittax (16)-il sena u qaltlu li ħasbitu għaddej ma' xi waħda.

Dwar l-inċident ta' taħt il-karozza huwa jgħid li din hija immaġinazzjoni perversa ta' M N meta huwa kull ma kien qed jagħmel kien isewwi l-karozza b'shorts u tshirt. Jgħid li dak li tgħid huwa tal-mistħija u huwa jinnega għal kollox dak id-diskors li qalet. Jgħid li meta martu akkużatu b'M huwa ħassu offiż ħafna u ma baqax ikellimha meta jinzerta jiltaqa' magħha. Jinnega wkoll li qatt fetaħ qalbu magħha dwar il-problemi personali tiegħu u jgħid li hi ħafna iżgħar minnu u jgħid li jħossu insulentat li qalet dak id-diskors tal-mistħija fuqu.

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tiegħu, il-konvenut ipproduċa is-segwenti xiehda:

*i. Xhieda ta' R I ossia oħt l-attriċi waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2022*[19] li tgħid li l-attriċi dejjem issajjar għall-familja, bil-għaqal u serja u dejjem ferħana għalkemm tgħid li hi ma tkunx magħhom id-dar. Tgħid li l-konvenut kien jaħdem ħafna u rabbew familja bil-għaqal. Tgħid li kienet tarahom jinħabbu u qabel inqala' l-inkwiet, oħtha ma kienet tgħidilha xejn u ma kinitx tgerger u kienet kuntenta. Tgħid li kienet il-mara ta' ħuha li qaltilhom li l-konvenut kien żbalja u li lill-attriċi kien qalilha li bil-bews biss. Tispjega li tul iż-żwieġ l-attriċi qatt ma ħadmet iżda mbagħad meta qaltilhom li qed tissepara bdiet tmur għand waħda P Q u oħra anzjana li kienu jduru biha huma. Tgħid li tgħin lilhom ukoll u li ma tafx li għandha xogħol ma' xi ħaddieħor.

Tispjega li ma tafx eżatt kemm taqla' flus oħtha iżda li taf li s-Sinjura Q tagħtiha ħmistax (15)-il Ewro u oħra ttiha ħamsa u għoxrin (25). Tgħid li kienet taħslilhom kullimkien u kull meta tgħidilha kienet tmur mil-ewwel u kultant tagħtiha mitt Ewro (€100). Hija tgħid li lill-attriċi kienu ħaduha l-isptar minħabba x-xokk li kellha li saret taf li l-konvenut kellu waħda.

Fir-ri eżami tgħid li huma qed iżommu lil oħthom b'kaR` għandhom u li oħthom ma għandhiex biex tikri jew tixtri. Tispjega mbagħad li anke oħthom l-attriċi għandha sehem mill-post li joqgħodu fih.

*ii. Affidavit ta' S D ossia ħu l-konvenut*[20] li jikkorrobora x-xhieda tal-konvenut. Huwa jirrakkonta l-inċident ta' meta l-attriċi kienet talbitu jmur magħha u ma' ġuvni biex dan jurihom post li bdiet tgħid li kellu l-konvenut ġewwa l-Birgu. Jispjega li dan il-ġuvni kien beda jħawwad u taparsi jurihom post li għandu l-konvenut. Jgħid li hu kien irrabja ħafna għax dan il-ġuvni beda jurihom bibien differenti u kienet ċara li qed iħawwad. Ix-xhud wissa lill-ġuvni biex joqgħod attent għax hemm familja fin-nofs u lill-attriċi qalilha biex ma tippuntax subgħajha għaliex kien ċar li ma kienx veru dak li qed jiġi allegat. Isemmi inċidenti fejn hu nkwieta għaliex kienu qed jiġu allegati affarijiet fuq ħuħ u kien ċar li kienu qlajjiet u li l-attriċi kienet tkun qed

[19] Fol. 215.
[20] Preżentat permezz ta' Nota fit-30 ta' Settembru 2022 a fol. 243.

tiffissa. Jgħid li lill-konvenut jafu "*bil-għaqal eżġerat*" u dejjem il-garaxx. Jgħid li kien jgħid lil ħuħ li ma jistax jifhem kif l-attriċi ma kinitx qed tinduna li l-ħsibijiet tagħha kienu żbaljati u fil-fatt hi kienet qed tarah meta tmur il-garaxx u li ma kien qed jiġri xejn ħażin. Jgħid li ħuh kien paċenzjuz u kien iħalliha tgħid. Madanakollu lill-konvenut kienet timbarazzah.

*iii. Affidavit ta' U sive* T V *ossia* oħt il-konvenut[21] li tikkorrobora l-verżjoni tal-konvenut u ta' ħuhom.

In kontro-eżami[22] tgħid li huma ma emmnux lill-attriċi meta din qaltilhom li marret warajh u libset parrokka għax ma setgħux jifhmu kif ma kkonfrontatux. Tgħid ukoll illi ma emmnitx lilha għaliex qagħdet tgħidilhom li anke għandha *private investigator* imma qatt ma uriethom il-filmat għaliex kienet tgħid li ma tahuliex.

*iv. Xhieda Doris Vella Cassia in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2021*[23] li tippreżenta kopja tal-file tal-Isptar tal-attriċi.

*v. Xhieda tal-Psikjatra Dr Peter Muscat waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021*[24] li jgħid li fid-9 ta' Lulju 2014 kienu marru jkellmuh it-tfal tal-konjuġi dwar s-sitwazzjoni fid-dar u hu kien qalilhom li mingħajr ma jara lill-omm ma jistax jikkonkludi xejn. Xi ġimgħatejn wara, l-attriċi kienet marret għandu mat-tifel. It-tfal kienu qalulu li l-omm bħal maqtugħa mir-realtà u qed tipprova taqbad lil missierhom f'relazzjoni barra ż-żwieġ. Qalulu li sitt (6) snin qabel hi pressatu ħafna u ammetta li kien waqa' għal mara oħra wara li qaltlu li jekk jammetti taħfirlu u qalulu wkoll li qed tisma' l-vuċijiet.

Il-psikjatra jixhed illi l-attriċi kienet fi stat ta' paranoja u kellha *auditory hallucinations* u preskrivilha l-pilloli. Wara tliet ġimgħat reġgħet marret u qaltlu li wara li biddlet is-*sim card* tal-mobile, il-vuċijiet waqfu. Dak iż-żmien il-partijiet kienu bdew il-proċess tas-

[21] Preżentat permezz ta' Nota fit-30 ta' Settembru 2022 a fol. 247.
[22] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2022 a fol. 253.
[23] Fol. 173.
[24] Fol. 208.

separazzjoni u l-attriċi kienet sejra tajjeb b'dik il-mediċina. Jixhed dwar l-appuntamenti sussegwenti u jgħid li l-attriċi ġiet għal aħjar u dan ikkonfermatu wkoll bintha, sakemm waqqfet il-kura hi stess għax ma ħassitx li għandha bżonnha iktar. Jgħid li idealment din it-tip ta' kura tittieħed għal sitt (6) xhur.

Jikkonferma li meta hija kienet ammessa ġewwa l-Isptar Monte Karmeli d-dijanjosi kienet bħal tiegħu u *ċioé* ta' *Paranoid Pyschosis.* Jgħid li ma rreferhiex il-familja kolha għall-psikoterapija għax ma ħassx li hemm bżonn.

*vi. Xhieda tal-Psikjatra Dr David Cassar waqt is-seduta tal-14 ta' Lulju 2022*[25] li jgħid li l-attriċi daħlet fl-iSptar Monte Karmeli fil-31 ta' Diċembru 2008 u ħarġet fis-16 ta' Jannar 2008. Jgħid li fid-9 ta' Jannar 2008 kienu marru r-raġel tagħha u oħtha l-isptar u kellmu lit-tobba t'hemm. Ma kellmux lilu u qalulhom li l-attriċi kienet temmen li l-konvenut kien jidħaq lejn in-nisa u kienet temmen li n-nies jitkellmu fuqha u fuq ir-raġel u l-interess tiegħu fin-nisa l-oħra. L-attriċi qalet lit-tobba, meta dawn rawha weħedha, li sena qabel kien qed ikollha telefonati anonimi li r-raġel kien "*cheating on her".* Jgħid li dak iż-żmien ingħatat mediċina għal *psychosis* li waqqfitha hi f'Diċembru 2009. Minn dak iż-żmien hi baqgħet mingħajr kura u l-aħħar li rawha kien fit-30 ta' Jannar 2012 meta kienet tajba wara sentejn mhux fuq il-kura. Dan kien dak li kkonkluda hu bl-eżami psikjatriku tiegħu tal-istat mentali tagħha dak il-ħin.

Jispejga li *"sister in law"* tal-attriċi kienet spjegat li l-konvenut kien ammetta ma' martu l-attriċi li kellu relazzjoni ma' terzi persuni xi żmien qabel u għalhekk id-dijanjosi tas-*Psychosis* seta' kien żbaljat għax "*jekk persuna jkollha hsieb jew indikazzjoni li zewgha qed jaqlibilha ha tkun disturbata."* Jidher imbagħad li fil-11 ta' April 2009 l-attriċi qalet li ma kellhiex iktar "*suicidal thoughts and referred to her previous thoughts as bluha."*

*Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern*

[25] Fol. 231.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.***"**

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikoli 38 u 40 illi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra." u*

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **C Vella *pro et noe* vs George Valla**[26] *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali** u mhux incidenti ta' importanza minuri"* Tkompli billi tikkwota s-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia**[27] *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (Ilum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui*

[26] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.
[27] Deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1919.

*puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"*

L-Artikolu 38 għalhekk jagħti bħala l-ewwel kawża tal-firda l-adulterju. Il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[28].

Illi fil-kawża **R Schembri vs Dott. Albert Grech *et noe*[29]** kien ingħad li: "*Stante diffikulta tal-prova ta' adulterju, dan jista jigi ppruvat permezz ta' indizzji u presunzjonijiet purche ikunu gravi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika*." Dan il-ħsieb ġie konfermat f'diversi sentenzi oħra u fil-kawża **Anne Os vs Avukat Dr N A Xuereb *noe*[30]** l-Qorti qalet li: *"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt*."

Għaldaqstant il-prova fl-adulterju hija kollox. Jirriżulta mill-ġurisprudenza, *stante* li l-liġi nostrana ma hix speċifika f'dan ir-rigward, illi mhux kwalunkwe allegazzjoni hija tali li tipprova l-adulterju, iżda l-indizji preżentati jridu jkunu ġabra ta' provi gravi li ma jħallu l-ebda dubju fil-ġudikant li dak l-aġir jikkostitwixxi adulterju mingħajr ma titlob li l-adulterju jkun pruvat fil-flagranza.

Dwar l-Artikolu 40 il-Qorti tibda' sabiex tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs O Thompson**,[31] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

---

[28] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 1953.

[30] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

[31]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef E C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **J Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[32] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[33] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma '**moħqrija' u s-'sevizzi'** jfissru l-istess ħaġa.[34] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[35] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[36] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[37] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[38]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[39]

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[40]

[32] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[33] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[34] Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).

[35] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.

[36] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003.

[38] Genoveffa Magri vs S Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[39] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

[40] Camilleri utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.

Dwar **L-inġurji u offizi gravi** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[41] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

Fil-kawża **Camilleri utrinque** il-Qorti kienet qalet*: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[42] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[43] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maRli, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Is-sentenza fl-ismijiet **J Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, ġia ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[44] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[45] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute,*

[41] Sentenza fl-ismijiet C Vella *pro et noe* vs George Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.
[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1989.
[43]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).
[44] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[45] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

*rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[46]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern*</u>

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

L-attriċi tisħaq li dan iż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba (i) l-adulterju tal-konvenut, u minħabba (ii) sevizzi, moħqrija, theddid u inġurji gravi minn naħa tiegħu. Il-konvenut minn naħa tiegħu jiċħad dan kollu u jgħid li l-attriċi kienet tiffissa b'mod li kellha anke bżonn għajnuna psikjatrika, filwaqt li takkużah u tgħajjru kontinwament li għandu nisa oħra. Skond hu ż-żwieġ tkisser minħabba eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u theddid minn naħa tal-attriċi.

Il-Qorti evalwat il-provi bir-reqqa, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi ż-żewġ verżjonijiet preżentati mill-partijiet jippreżentaw stampa dijametrikament opposta għal ta' xulxin u qajla jiġu preżentati provi fattwali ta' dak li jiġi allegat.

Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tevalwa dak mintqal mill-partijiet infushom u x-xhieda li xehdu dwarhom biex tasal għall-konklużjoni aħħarija dwar it-tortijiet tat-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Jidher illi l-partijiet bdew il-ħajja miżżewġa kuntenti u fil-fatt it-tnejn jaqblu li fl-ewwel snin taż-żwieġ kienu familja tipika ta' dak iż-żmien, fejn l-attriċi kienet tieħu ħsieb id-dar u t-tfal u l-konvenut joħroġ jaħdem. L-attriċi kienet tieħu ħsieb ukoll l-istudji tat-tfal u l-aspett finanzjajru u għalkemm il-konvenut jgħid li kien isir kollox kif trid hi fil-familja tagħhom, jidher li hu kien paċenzjuz u l-affari bejniethom kienet qed taħdem. Jgħid fil-fatt il-konvenut stess illi

[46] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

*"C kienet waqfet taħdem malli żżewwiġna u għalhekk konna ngħixu ħajja tal-familja trankwilla u serena, għalkemm kien ikollna xi ngħidu bħal kulħadd. Lil C kont inħobbha ħafna u kemm hi u kemm jiena konna ddedikati totalment għall-familja. C dejjem ħadet ħsieb it-tfal u d-dar u jiena dejjem ħdimt għall-familja. Fil-fatt lit-tfal dejjem bagħtnihom l-iskola u t-tnejn iggradwaw mill-Università. Illum it-tnejn jgħixu għal rashom u t-tifel miżżewweġ."*[47]

Tgħid ukoll l-attriċi illi:

*"Ghal bidu kollox mexa harir fiz-zwieg taghna. Konna nghixu hajja ta' familja normali...L-ewwel problemi bdew xi hmistax-il sena ilu."*[48] Jiġifieri snin wara ż-żwieġ.

Jixhdu anke x-xhieda taż-żewġ naħat dwar dan u jgħidu illi:

*"R I: Meta kien kollox sew, kollox kien tajjeb u kienu jigu ghandi, kienu orrajt*
*Evelyn Caruana Demajo: Kienu jinhabbu*
*R I: iva kienu dejjem*
*Evelyn Caruana Demajo: X'kienet tirrakontalek A B dwar zewgha qabel ma nqala l-inkwiet?*
*R I: Ma kienet tghidli xejn ghax qabel ma kellhomx problemi*
*Evelyn Caruana Demajo: Ma kinitx tgerger?*
*R I: ma kinitx tgerger*
*...*
*Evelyn Caruana Demajo: Jigifieri kien kollox sew?*
*R I: kuntenta kienet iva"*[49]

U

*"H I: Kienet tgħidli l-istess li mhux tafdah, mhux fil-bidu, qabel qatt ma kienet tghidli xejn fuqu*
*Dr Evelyn Caruana Demajo: Qabel x'kienet tghidlek dwar ir-ragel taghha?*

[47] Fol. 348.
[48] Fol. 23.
[49] Xhieda ta' R I In eżami a fol. 215.

*H I: Li jimxi sew u hekk flimkien, ma kien hemm xejn hazin"*[50]

Jixhdu anke S D u U *sive* T V, ħut il-konvenut illi "*C kienet tifla kwieta u ħelwa u hi u E kienu jidhru li jinħabbu."*[51] Tixhed ukoll U V illi:

*"Lil E u A B nafhom bħala koppja kwieti u li jirrispettaw lil xulxin. A B kienet mara tad-dar u kienet iddedikata. Meta kienu għarajjes kienu dejjem jiġu flimkien d-dar tal-ġenituri tagħna u kienu jidhru li jinħabbu u li kien hemm ir-rispett bejniethom. Qatt ma rajt xejn ħażin anke wara li kienu żżewwġu u kellhom it-tfal. A B dejjem id-dar kienet u sa fejn naf jien qatt ma ħadmet barra mid-dar sakemm kien għadu kollox sew bejniethom. Jiena naf li E kien iżommha sew; A B kienet dejjem tilbes tajjeb u lit-tfal tlibbisom sabih u naf li kienet tixtri ħwejjeġ sbieħ meta jkollhom xi tieġ jew okkażjoni. Lit-tfal dejjem ħadu ħsiebhom ħafna. It-tfal ħarġulhom bravi fl-iskola u kemm E u kemm A B ma ħallewhom neqsin minn xejn u komplew fl-istudju tagħhom. Fil-fatt it-tnejn marru l-Universita.*

*4. Kull nhar ta' Sibt E u A B kienu jiġu għandi (meta missieri kien ġie jgħix miegħi) u mbagħad kienu joħorġu flimkien mal-kuġina tagħna jew ma ħu C u martu. Kienu dejjem jidhru kuntenti u sereni."*[52]

Jirriżulta għalhekk li f'xi mument kien hemm bidla f'dan kollu, xi ħaġa li kissret is-serenità tal-koppja, bħal *trigger* li bagħat lill-attriċi f'baħar ta' thewdin u aġir għal kollox mhux seren. Għalkemm il-konvenut jixhed illi l-attriċi kienet tiffissa u tossessjona u hu kien joqgħod għax paċenzjuz, madanakollu hemm qbil bejn il-partijiet u x-xhieda li l-affarijiet kienu sew ħafna għal snin twal.

Jidher illi f'punt wieħed, snin sħaħ wara li l-partijiet iżżewġu, il-konvenut, ammetta li kellu inkontru li kien jikkonsisti f'"*bews*" ma' mara li marret issewwi l-karozza għandu. Għalkemm il-konvenut jiċħad li qatt ammetta dan ma' martu, xhieda li l-Qorti tqis bħala affidabbli bħal H I, li x-xhieda stess tal-konvenut qalu li joqgħodu fuqha,[53] tixhed illi "...*mbagħad xi jumejn wara, niftakar kont mort ghandu l-garaxx, minghalija l-garaxx u*

[50] Xhieda ta' H I in kontro-eżami a fol. 192.
[51] Affidavit ta' S D a fol. 244.
[52] Affidavit ta' U sive T V a fol. 247.
[53] Vide xhieda in kontro-eżami ta' S D u U V a fol. 251.

*qalli...ghedtlu x'gara ezatt u qalli din kienet giet wahda bil-karozza biex issewihielu u din wara li ghamilielha u lestiha u kollox qaltlu m'ghandix biex inhallsek, qaltlu tista' tinqeda, bil-Malti jigifieri u dan bhal ma qalli hu, qalli din waqghetni, qalli mhux bil x'jismu, qalli bil-bews u hekk."*[54]

Jixhed ukoll il-psikjatra Peter Muscat illi t-tfal tal-konjuġi qalulu, meta rreferew miegħu għall-għajnuna, illi "*Sitt snin qabel hu (il-konvenut) kien ammetta illi kellu relazzjoni barra miz-zwieg wara li hi pressatu hafna u qaltlu li ha tahfirlu jekk jammetti."*[55]

Jirriżulta għalhekk li bħala inċident waħdieni dan jidher li verament seħħ u li kien il-konvenut li skaturixxa serje ta' iventi li fl-assjem tagħhom rendew il-ħajja konjugali impossibbli.

Bħala parenteżi jingħad illi l-avukati difensuri tal-attriċi jieħdu spunt mill-kontro-eżami tal-attriċi meta d-difensur legali tal-konvenut tistaqsi "*Kien johrog maghha jew mar maghha darba ghax kien imdejjaq hafna minhabba l-imgieba tieghek?"*[56] biex jasserixxu jekk saritx ammissjoni *o meno* dwar adulterju. Minn banda l-attriċi tgħid li l-mod kif saru ċerti mistoqsijiet mid-difensur tal-konvenut hija ammisjoni ċara ta' adulterju u ma' dan il-konvenut ma jaqbilx u jgħid b'referenza għall-Artikolu 693 tal-Kap 12 illi ammissjoni trid tkun saret mill-parti u mhux mill-avukat sabiex tista' tittieħed bħala prova. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attriċi li dan jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni li seħħ adulterju għaliex meta jsir kontro-eżami tkun qed isir referenza għal dak li jkun asserixxa x-xhud bl-iskop li tixxejjen dik ix-xhieda jew tnaqqar mill-kredibilità tiegħu u kwindi l-mod kif jiġu formulati l-mistoqsijiet ikunu qiegħdin jindirizzaw l-allegazzjoni magħmulha mix-xhud li ma tkunx neċessarjament il-pożizzjoni tal-parti l-oħra.

Intant, l-attriċi tidħol f'ċirku ta' thewdin u ossessjoni fuq il-konvenut. Minflok ma ttieħdet l-għajnuna neċessarja, l-attriċi ppruvat tinvestiga hi ħajjet żewġha billi anke tkellem in-nies ta' madwarha li flok għenuha iktar tefawha l-isfel f'abiss ta' dubji. Il-Qorti tħoss li l-attriċi ma rnexxilhiex

[54] Xhieda ta' H I in konto-eżami a fol. 189.
[55] Xhieda tal-psikjatra Peter Muscat a fol. 208.
[56] Seduta tal-11 ta' Novembru 2019 a fol. 108.

tipprova aġir ieħor min-naħa tal-konvenut li jista' jwassal għal Qorti biex tikkonkludi li kien hemm adulterju minn naħa tiegħu.

L-attriċi tgħid anke lill-ħut ir-raġel, li ġabet anke *private investigator* iżda provi ta' filmati ma nġabux, u l-attriċi tammetti hi stess li bdiet tmur il-garaxx ma' żewġha iżda provi ta' aġir mhux floku hawn ma jirriżultax mill-provi. Saħansitra l-attriċi tgħid li libset parrokka u marret wara żewġha u qabditu ma' oħra imma għal darb'oħra provi ma ġġibx. L-attriċi saħansitra bdiet tiffissa li żewġha għandu post ieħor u qabdet lil ħu l-konvenut imur magħha jiltaqgħu ma' terza persuna li rriżulta li xejn ma kienet affidabbli u li fuq kollox ma werihom l-ebda proprjetà speċifika. Hija wkoll qagħdet fuq neputija tagħha li wkoll xehdet li l-konvenut kien qed jittantaha, fatt li lanqas jekk wieħed jemmen li tassew seħħ ma jipprova adulterju.

Jirriżulta illi l-attriċi sfortunatament iffissat b'mod illi bl-aġir tagħha l-familja bdiet titfarrak. Il-konvenut għalkemm paċenzjuz ma setax jissaporti iktar it-tratti tagħha u kif jixhdu xhieda fil-każ hija bdiet timbarazzah meta tmur il-ħin kollu ħdejh fuq ix-xogħol iżda kien jissapporti wkoll biex iżomm il-kwiet. Saħansitra t-tfal ħassew li ommhom ma tistax tkompli kif kienet sejra u rreferew għal għajnuna psikjatrika. Hawn ħareġ li l-attriċi bdiet tisma' l-vuċijiet, temmen li kien hemm apparat biex jisimgħu dak li kienet qiegħda tgħid u jitrażmettu dak kollu li kien qed jiġri ġod-dar, tqum kmieni filgħodu tgħajjat *etc*, tant li t-tobba preskrivewlha l-mediċina u rreferewha l-Isptar Monte Karmeli.

Mir-riferenza psikjatrika li saret jirriżulta li d-dijanjosi kienet waħda ta' psikożi. Madanakollu, filwaqt li l-Qorti ħadet kont tax-xhieda tal-psikjatra Peter Muscat, il-Qorti hija iżjed konvinta bil-konklużjoni tagħha wara l-kontro-eżami tal-psikjatra David Cassar minn fejn jirriżulta li tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-inċident li ammetta għalih il-konvenut dik id-dijanjosi setgħet kienet żbaljata.

Ma jirriżultax mill-provi illi l-kundizzjoni mentali tagħha ta' psikożi ġiet ippruvata għaliex il-psikjatra David Cassar jgħid fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Lulju 2022[57] illi d-dijanjożi tal-psikożi seta' kien żbaljat għaliex mill-informazzjoni li huma mbagħad ottjenew ikkokludew li seta' kien l-

[57] A fol. 236.

indikazzjoni li żewġha qed jaqlibielha li tefgħuha f'sitwazzjoni ta' disturb. Il-file tal-isptar[58] fil-fatt, jirreferi kontinwament għall-fatt li ammetta għalih il-konvenut mal-attriċi u ma' H I. Dawn l-ossessjonijiet kienu kibru b'mod li ħarġu 'l bogħod mil-limiti tar-raġuni għaliex il-kwistjoni ma ġietx indirizzata kif kellha tiġi ndirizzata.

Filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-kundizzjoni mentali tal-attriċi kienet il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ u jibqa' superfiċjalment fuq il-fatt li hi kienet qed tossessjona ruħha fuqu, il-Qorti tħoss li l-aġir li ammetta li għamel il-konvenut tefa' lill-attriċi f'sitwazzjoni kerha. Bil-karattru ta' l-attriċi li l-konvenut stess jgħid li kienet fraġli u temmen dak kollu li jgħidulha n-nies, kien faċli għaliha li minn dak l-inċidenti hija tiffissa u toħloq stejjer u toħroġ minn kull kontroll tas-sitwazzjoni. L-attriċi fil-fatt ma għenitx lilha nnifisha għaliex minflok ma insistiet li jfittxu l-għajnuna bħala koppja, ippruvat tara kif ser tagħmel biex terġa' taqbad lill-konvenut fi żball ieħor. Hija wkoll iddeċidiet minn jeddha meta kellha twaqqaf il-kura li kienet qed tmexxiha l-quddiem.

Il-Qorti ma tistax ma tirrelevax kif waqt il-ġbir tal-provi l-linja difensjonali tal-attriċi konfrontata bl-allegazzjoni ta' disturbi psikjatriċi, nbidlet sal-punt li saħansitra abbraċċjat u qablet mal-konvenut li kienet tbati minn psikożi. Dan jikkontrasta ma' kemm l-attriċi insistiet li ma kellhiex bżonn kura medika. Il-Qorti nnutat ukoll illi *nonostante* l-insistenza inizzjali tagħha li hija ma kellhiex bżonn kura *ergo* ma kinitx tbati minn psikożi, meta fettillha aċċettat din id-dijanjożi sabiex tikseb vantaġġ għaliha u tiskopla ruħha mit-tort tat-tkissir taż-żwieġ. Il-Qorti hija ferm perplessa b'dak li tista' tissejjaħ biss bħala opportuniżmu *da parti* tal-attriċi meta fl-aħħar mill-aħħar kienet hi stess li għażlet li tadixxi lil din il-Qorti b'dawn it-talbiet ġudizzjarji, bl-iskop li tinsab il-verità u tiġi applikata l-ġustizzja b'dan il-mod. Ċertament strataġemmi legali simili ma jgħinu lill-Qorti xejn.

Minn kif jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrana għalkemm ma hemmx il-bżonn illi l-adulterju jiġi pruvat b' testimonjanza '*de visu'* jew fil-flagranza, madanakollu l-Qorti ma tistax toqgħod fuq allegazzjonijiet mhux pruvati u trid li jkollha indizji gravi, preċiżi u konkordati b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika. Il-Qorti ma tħossx li hawnhekk, għalkemm

[58] Ppreżentat fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2021 a fol. 173

issemmew mill-attriċi numru ta' inċidenti, ġie ppruvat dan u l-attriċi naqset milli tipproduċi provi b'tali mod li jikkonvinċu l-Qorti li l-konvenut verament kien qed jikkommetti adulterju.

Fil-kawża **D vs Cutajar *noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2010, ġie rrilevat: "*Issa, l-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "l-kawzali l-aktar gravi li ghalih il-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali" (Vol. XXXVII Pt II p. 693). Huwa difficli li l-adulterju jigi ppruvat b'xhieda okulari. In vista ta' din id-diffikulta`, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u cirkostanzi ohra li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju fil-mohh tal-gudikant illi fil-fatt l-adulterju jkun sehh. Huwa ormai pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza li ladulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, li, pero`, ghandhom ikunu gravi, precizi u konkordanti. Cirkostanzi illi semplicement jirriflettu hbiberija mas-sess oppost ma jwasslux ghall-prova ta' adulterju. Dan ghaliex dawn ic-cirkostanzi ma jikkonvincux lill-gudikant li dik il-hbiberija dahlet daqshekk il-gewwa u saret tant intima li necessarjament wiehed ragonevolment jippresupponi li sehh kongungiment karnali, li huwa l-element necessarju ghall-adulterju."*

Fil-fatt dak li jammetti għalih il-konvenut u li l-Qorti temmen li seħħ kien incident iżolat mingħajr ma seħħ il-konġunġiment karnali jew aġir li jindika indizji preċiżi li seħħ adulterju.

Madanakollu kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **A magħrufa bħala B C, mart D C Vs E C**[59] "*Minn naha l-ohra, fir-rigward tal-konvenut, ghalkemm l-attrici ghamlet kemm il-darba l-allegazzjoni li dana kien infidil lejha fiz-zwieg bil-kommissjoni ta' adulterju, ma ngabet ebda prova konkreta li tista' titqies bhala sodisfacenti. Mill-banda' l-ohra pero' kif issottometta l-perit legali, jezistu provi sufficjenti derivanti principalment, mid-deposizzjoni tax-xhieda ta' l-binthom il-kbira "li l-konvenut ikkontribwixxa huwa wkoll ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, mhux anqas peress illi huwa hati fil-konfront ta' martu ta' ingurji gravi naxxenti minn relazzjonijiet, anke jekk mhux adulteri, li l-offendu lill-parti l-ohra fiz-zwieg….omissis…. mill-assiem tal-provi prodotti l-agir tal-konvenut jinkwadra fil-parametri ta' agir detrimentali li rrenda l-konvivenza komuni difficli.. [P Grace Mallia vs Alfred Mallia deciza 26 ta' Gunju 2003]"[fols.382 u 383].*

[59] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil- 31 ta' Ottubru, 2006 (Ċit. Nru. 1408/2002).

Il-Qorti hija konvinta li għalkemm dak l-inċident li ammetta għalih il-konvenut ma jinkwadrax bħala adulterju *per se,* fis-sens klassiku, madanakollu kien detrimentali immens fid-dinamika taż-żwieġ tagħhom u l-Qorti tikkonkludi li kien jinkwadra fil-parametri ta' inġurja gravi. L-aġir tiegħu kien tali li naturalment joffendi lill-parti l-oħra u għalhekk ta' detriment għaż-żwieġ. L-attriċi min-naħa l-oħra kienet il-kaġun ta' sevizzi meta minflok indirizzat il-problemi ta' bejniethom irrendiet ruħha l-kaġun ta' torment kwotidjan bl-ossessjonijiet u l-akkużi kontinwi fil-konfront tal-konvenut. Kif diġà ngħad *"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[60]

Bl-akkużi kontinwi ta' adulterju, mhux pruvati, l-attriċi kienet ukoll il-kaġun ta' inġurji gravi għaliex kif intqal fis-sentenza ġia ċitata fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[61] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maRli, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Il-kundizzjoni mentali tal-attriċi ma ġietx pruvata meta l-psikjatra xehed li d-dijanjosi setgħet kienet żbaljata u għalhekk l-attriċi ma tistax tiġi skolpata mill-aġir tagħha.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta li bl-aġir tagħhom iż-żewġ partijiet huma ħatja tat-tifrik taż-żwieġ fi kwoti ndaqs bejniethom u filwaqt li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' inġurja gravi, l-attriċi irrendiet ruħha ħatja ta' inġurja gravi u sevizzi fil-konfront ta' żewġha.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:**

---

[60] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

[61] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

Il-partijiet jitolbu lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ħatja ta' xi waħda minn dawn il-motivi *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali *ai termini* tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*[62]
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".*

L-Artikolu 51 jistipula:

*"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."*

L-Artikolu 52 jistipula:

---

[62]L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

*“Hu mħolli wkoll f’idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f’kollox jew f’biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m’għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta’ għemil li jagħti lok għall-firda.”*

Il-Qorti tħoss li l-ebda parti ma għandha tbati l-konsegwenzi ta’ l-Artikoli 48 *et seq.* u dan peress li kif ġia spjegat iż-żewġ partijiet instabu ħatja tat-tkissir taż-żwieġ fi grad jew ieħor ħlief li tiddikjara li l-partijiet iddekadaw mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin.

## 4. Manteniment għall-attriċi

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lill-konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha.

Permezz ta’ digriet tat-3 ta’ Mejju 2021[63] din il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba’ (4) ġimgħat.

*Stante* li ż-żewġ partijiet instabu ħatja tat-tkissir taż-żwieġ fi kwoti ndaqs bejniethom u l-Qorti ddikjarat li l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin, l-attriċi ma baqalhiex id-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha.

Għal kull buon fini iżda jingħad li mill-provi li jirriżultaw fil-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi għandha l-potenzjal li taħdem b’mod regolari u tipperċepixxi introjtu biex tgħix f’kundizzjoni tajba. Hija kienet kapaċi tieħu ħsieb id-dar u t-tfal u l-finanzi ta’ bejniethom,[64] kif ukoll ħareġ ben ċar li hija wirtet mingħand il-ġenituri tagħha,[65] tista’ taħdem ma’ terzi ladarba hija preżentament taħdem mal-familjari tagħha tieħu ħsieb id-djar, taħsel u ssajjar u anke taħdem ma’ ħuha bħala *carer* u fil-fatt tirċievi *Allowance*

[63] Fol. 178.
[64] Kontro-eżami tal-attriċi a fol. 107.
[65] Affidavit tal-konvenut u dokumenti annessi a fol. 355.

*Miżjuda għal Carer* mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif xehed ir-rappreżentant tad-Dipartiment f'diversi seduti.

Hija għandha fejn toqgħod flimkien ma' ħutha fid-dar li għandha sehem minnha hi stess. Għalhekk, hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment mingħajr ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Ma jirriżultax li għandha diffikultà jew impediment biex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha u ma għadx għandha l-bżonn li tipprovdi għal uliedha għaliex dawn huma maġġorenni fil-wisa u ma għadhomx jgħixu magħha jew b'xi mod jiddependu minnha. L-attriċi ma tistax tagħżel fejn trid li tuża l-iskuża tal-mard kif għamlet fejn jidħlu tortijiet taż-żwieġ u issa biex tgħid li ma tistax taħdem. Il-konvenut huwa tal-età huwa wkoll tal-pensjoni u l-Qorti ma tarax li għandu jibqa' jkun marbut jaħdem f'din l-età biex imantni lil martu wara li tkisser iż-żwieġ tort tagħha wkoll u hija kapaċi żżomm lilha nnifisha finanzjarjament.

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-attriċi ma għandiex tirċievi manteniment mingħand żewġha *stante* li hija ddekadiet minn dan id-dritt.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġaladarba l-partijiet iżżewġu nhar is-16 ta' Marzu 1986, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

i. *Fir-rigward tad-dar matrimonjali:* Il-partijiet jaqblu li din id-dar inxtrat bħala arja qabel iż-żwieġ u fil-fatt il-konvenut jippreżenta l-

kuntratt ta' xiri tat-tali arja.[66] Il-partijiet iżżewwġu fl-1986 u l-arja nxtrat permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar Dottor George Cassar fil-21 ta' Mejju 1984 minn E D il-konvenut. Kif tgħid l-attriċi stess fil-kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2021[67]:

"*Dr Evelyn Caruana Demajo: E irnexxielu jibniha d-dar qabel ma zzewwigtu?*
*A B D: iva"*

Għalkemm fin-nota tagħha l-attriċi tgħid li peress li din id-dar hija d-dar matrimonjali u allura hija tat-tnejn, dan l-argument ma jreġix legalment għaliex kif jirriżulta mill-provi ċitati l-konvenut xtara l-arja tad-dar qabel iż-żwieġ u l-partijiet jaqblu li nbniet qabel iż-żwieġ u għalhekk id-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut.

Il-Qorti għalhekk tiddikjara li d-dar hija parafernali tal-konvenut u għandha tkun assenjata fl-intier tagħha lill-konvenut.

L-attriċi iżda tippretendi kreditu fuq id-dar matrimonjali għaliex tgħid li ommha kienet sellfet lill-konvenut għajnuna biex jixtri l-arja. Fil-kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2021[68] hija tgħid li ommha "*tagħtu nofs l-arja u meta wasal fil-washroom u l-bejt tatu elf lira maltin ohra ghax ma kellux."* Fl-affidavit tagħha hija tgħid li l-ġenituri tagħha taw lill-konvenut elfejn, sitt mija u tmenin Ewro (€2680) biex jgħinuh jixtri l-arja li hija issa qed tippretendi li tieħu bħala kreditu. Prova ta' dan ma nġabitx. Għalhekk il-Qorti ma tistax tassenja l-ebda kreditu f'dan ir-rigward lill-attriċi.

*<u>ii. Spejjeż ta' washroom u twieqi tad-dar matrimonjali:</u>* L-attriċi, fl-affidavit tagħha u fil-kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2021,[69] tgħid li ħarġet elfejn u tliet mitt Ewro (€2300) għall-bini tal-washroom u l-bejt u disa' mija u tnejn u tletin Ewro (€932) għat-twieqi qabel iż-żwieġ. Ta' dawn ukoll ma jinġabux provi u ma hux ċar mix-xhieda tal-attriċi jekk dawn kienux inħarġu minnha jew mill-ġenituri tagħha.

[66] Dok. PM 1 a fol. 365.
[67] A fol. 156.
[68] A fol. 156.
[69] A fol. 156.

Saħansitra fil-kontro-eżami tal-25 ta' Jannar 2024 a fol. 467 jintefa dubju jekk dawn ħallashomx ħu l-attriċi. Il-konvenut, fl-affidavit tiegħu,[70] jiċħad kategorikament li ngħata xi flus biex ilesti d-dar. *Stante* nuqqas ta' prova min-naħa tal-attriċi u konfużjoni min-naħa tagħha dwar min fil-verità ħallas dawn l-ispejjeż, jekk verament ma tħallsux mill-konvenut, il-Qorti ma tistax tassenja krediti favur l-attriċi.

*iii. Garaxx:* mill-atti jirriżulta li dan il-garaxx inxtara permezz ta' kuntratt[71] quddiem in-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fit-13 ta' April 1998 u għalhekk inxtara fiż-żwieġ u jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-partijiet jaqblu dwar dan u jaqblu wkoll li nġabet stima fiż-żmien il-medjazzjoni fejn il-garaxx ġie stmat għal tletin elf Ewro (€30,000). Dan il-valur fil-fatt huwa kkwotat mill-attriċi fl-affidavit tagħha u l-partijiet kienu qablu li l-garaxx jiġi assenjat lill-konvenut għaliex dan jinfed mad-dar matrimonjali u hija tingħata nofs il-valur tiegħu. Fl-affidavit tagħha l-attriċi[72] tikkwota l-valur ta' tletin elf Ewro (€30,000) bħala valur tat-tali garaxx u tul il-proċeduri ma reġgħetx talbet sabiex jiġi stmat il-garaxx.

Għalhekk il-Qorti ser toqgħod fuq dan l-ammont u fil-waqt li tassenja l-garaxx lill-konvenut, tordnalu jħallas ħmistax-il elf Ewro (€15,000) lill-attriċi bħala sehemha minn tali garaxx li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

*iv. Għamara li nxtrat qabel iż-żwieġ:* L-attriċi fl-affidavit tagħha[73] tikkwota s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tmenin Ewro (€13,980) bħala s-somma li ħarġet hi qabel iż-żwieġ fuq l-għamara. Fil-kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2021,[74] l-attriċi tgħid li ommha kienet tatha "sitt elef" biex hi tixtri l-għamara. Ma' l-affidavit tiegħu l-konvenut jippreżenta dokumenti[75] fejn jidher illi għamel pagamenti iktar mill-ammonti li jagħti ssoltu lill-attriċi u jispjega li dawn kienu ammonti li aċċettat l-attriċi għall-għamara. Madanakollu fil-kontro-eżami tal-5 ta' Marzu 2021 a fol. 157 jintqal:

[70] Fol. 358.
[71] Dok. PM 3 a fol. 369.
[72] Fol. 25.
[73] Fol. 24.
[74] Fol. 157.
[75] Dok. PM2 a fol. 368.

*Dr Evelyn Caruana Demajo: Inti ftehemt mar-ragel li se tehodhom kollha meta titlaq mid-dar dawn?*

*A B D: Nehodhom iva, la ma jridhomx nehodhom, ghax l-ircevuti ma sibthomx kienu hemm u ma sibthomx.*

Għalhekk hawn ma ssir l-ebda referenza mill-konvenut għall-fatt li dawk l-ammonti żejda li kien ħallas kif jidhru f'Dok. PM 2 jirreferu għall-valur tal-għamara. Min-naħa tagħha l-konvenuta ma tagħmilx referenza għalihom fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha.

Il-Qorti tħoss li speċifikament dik l-għamara msemmija mill-attriċi fl-affidavit tagħha u ċioé kamra tas-sodda, żewġ *spare bedrooms*, salott ta' Fino, sottospecchio, u siġġijiet għandhom għalhekk jiġu assenjati lill-attriċi. Il-kċina u l-linef għandhom jibqgħu fil-post mingħajr dritt ta' rivalsa.

<u>*v. Spejjeż li saru fiż-żwieġ:*</u> L-attriċi tikkwota ammonti fl-affidavit tagħha iżda ma ġġibx provi ta' valuri u lanqas tirreferi għalihom fin-nota ta' osservazzjonijiet għalkemm tgħid li l-ammonti li kwota l-konvenut kienu arbitrarji.

L-attriċi tgħid li l-ispejjeż li saru fiż-żwieġ għad-dar kienu s-segwenti:

<u>Kamra tal-banju</u>: L-attriċi tikkwota l-prezz ta' tliet elef u ħames mitt Ewro (€3500) u l-konvenut jgħid li issa l-valur tal-kamra tal-banju huwa ta' madwar elf Ewro (€1,000). *Stante* nuqqas ta' provi u stimi f'dan ir-rigward il-Qorti tasal għal ammont *arbitro boni viri* u għaldaqstant tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf Ewro (€1,000) lill-attriċi bħala sehemha mill-kamra tal-banju;

<u>Taraġ u poġġaman tat-taraġ</u>: Il-partijiet qablu fuq il-valur ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) u għalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300) lill-attriċi bħala sehemha mit-taraġ u l-poġġaman;

Bibien tal-kewba: Il-partijiet qablu fuq il-valur ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u għalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elf mitejn u ħamsin Ewro (€1,250) bħala sehemha mill-bibien tal-kewba;

Fridge u freezer: L-attriċi tikkwota s-somma ta' elf Ewro (€1,000) bħala l-valur tal-fridge u freezer u l-konvenut jgħid li dawn illum għandhom valur ta' erba' mitt Ewro (€400) għaliex għaddew madwar tmien (8) snin minn meta xtrawhom. *Stante* nuqqas ta' provi u stimi f'dan ir-rigward il-Qorti tasal għal ammont *arbitro boni viri* u għaldaqstant tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) lill-attriċi bħala sehemha mill-fridge u l-freezer.

*vi. Garaxx tax-xogħol:* Il-konvenut jikri dan il-post u l-Qorti tordna li din il-kirja tiġi assenjata lilu u kull bilanċ ta' kontijiet li hemm fuq dan il-garaxx għandhom jitħallsu minnu.

*vii. Makkinarju fil-garaxx:* Għalkemm l-attriċi ma ssemmi xejn fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha dwar dan, fl-affidavit tagħha tikkwota s-somma ta' sebgħin elf Ewro (€70,000) bħala valur tal-makkinarju li jinsab fil-garaxx tax-xogħol. Fil-kawża iżda, jitqabbad il-Perit Tekniku Roderick Camilleri li jistma[76] l-makkinarju u l-*ispare parts* li jinsabu fil-garaxx tax-xogħol għall-valur ta' sitt elef u erbgħin Ewro (€6,040). Ma saritx eskussjoni tal-Perit u għalhekk il-Qorti ser toqgħod fuq dan il-valur u għalhekk tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' tliet elef u għoxrin Ewro (€3,020) bħalha sehemha mill-makkinarju li jaħdem bih il-konvenut;

*viii. Karozzi:*

Vettura tat-tip Renault li l-attriċi ttiha s-somma ta' tliet elef Ewro (€3000) fl-affidavit tagħha[77] iżda fil-kontro-eżami tal-5 ta' AMrzu 2021 a fol. 158 tgħid li hi ma tifhimx fil-karozzi u dan huwa biss il-valur li tiftakar li kien jikwota l-konvenut. Il-konvenut fl-affidavit tiegħu[78]

---

[76] Rapport tal-Perit Tekniku Roderick Camilleri a fol. 344a.
[77] Fol. 25.
[78] Fol. 365.

jinsisti li l-karozza ġġib il-valur ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) u bi prova fl-affidavit tiegħu jirreferi għal rapport tas-surveyor li iżda, bi żvista jidher li ma ġiex anness. Il-Qorti għalhekk tistabilixxi l-valur ta' elfejn Ewro (€2000) *abitro boni viri* bħala l-valur tal-vettura u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf Ewro (€1000) bħala sehemha minn din il-vettura;

Vettura tat-tip Skoda li l-partijiet jaqblu li nbiegħet fis-separazzjoni għall-prezz ta' seba mitt Ewro (€700). Hawnhekk il-partijiet ma jaqblux dwar x'sar mill-introjtu u filwaqt li l-konvenut jgħid li dawn intużaw biex iħallas il-liċenzja u l-arretrati tal-vettura Renault u biex ħallas il-pjanċi, l-attriċi tinsisti kontra dan u tgħid li l-konvenut ħa dawn il-flus u hi ma rat xejn minnhom. *Stante* li l-konvenut ma ġabx prova ta' dak li allega, il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) lill-attriċi bħalha sehema mid-dħul tal-bejgħ ta' din il-vettura;

*ix. Kreditu favur il-partijiet mingħand oħt l-attriċi:* Fil-kontro-eżami tal-5 ta' Marzu 2021 a fol. 159, l-attriċi taqbel mal-konvenut illi fiż-żwieġ kienu sellfu l-ammont ta' elfejn Ewro (€2000) lil oħtha biex issiefer lit-tifel l-Awstralja u l-attriċi tgħid li dawn tathomlhom lura u ħadithom hi fin-negozjar. Peress li l-qasma ma saritx dak iż-żmien konsenswalment u qed issir issa, għalhekk l-attriċi għandha tagħti lill-konvenut s-sehem tiegħu minn din is-somma u għalhekk għandha tagħtih is-somma ta' elf Ewro (€1,000);

*x. Kontijiet Bankarji:*

Ir-rappreżentanta tal-Bank BOV tixhed fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2017[79] illi l-kontijiet attivi f'isem il-partijiet huma s-segwenti:

*1. Kont f'isem l-attriċi tat-tip Savings bin-numru tal-kont 15100945018*[80] li f'Diċembru 2016 kellu l-bilanċ ta' disgħa (9) ċenteżmi ta' Ewro.

---

[79] Fol. 29.
[80] Dok. JB 1 a fol. 42.

*2. Kont konġunt f'isem iż-żewġ partijiet tat-tip Savings bin-numru tal-kont 15109785020* li f'Diċembru 2016 kellu l-bilanċ ta' tnax-il elf disgħa mija u tlieta u ħamsin Ewro u erbgħin Ewro ċenteżmi (€12,953.40) u li l-konvenut jannetti *statements* mal-affidavit tiegħu li juru li f'dan l-istess kont daħlet is-somma ta' sittax-il elf sitt mija u tmienja Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu ta' Ewro (€16,608.52) f'Ottubru 2018[81] li jirrapreżentaw *insurance* mal-MSV Life li kienet immaturat.

Il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankarji intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih, filwaqt li fir-rigward tal-kont konġut *bin-numru tal-kont 15109785020* li rriżulta mal-Bank BOV dan għandu jingħalaq minnufih u l-bilanċ għandu jiġi maqsmum ugwalment bejn il-partijiet.

*3. Shares tat-tip Vilhena Malta Government Bond Fund Accumulator mal-BOV Asset Management fuq isem E D (Ref. 23675)*[82]

U

*Shares tat-tip Wignacourt Malta Fund Accumulator mal-BOV Asset Management fuq isem E D (Ref. 23675)*[83]

Dawn iż-żewġ investimenti ġew redeemed u l-bilanċ fl-2009 mar fil-*joint account* u għalhekk ma hemmx x'jiġi assenjat.

*4. Shares tat-tip Vilhena Malta Government Bond Fund Accumulator mal-BOV Asset Management fuq isem E D u A B D (Ref. 170366)*[84] li r-rappreżentanta tal-BOV tixhed li saret redemption fl-2011 iżda jirriżulta li baqa' fl-kont tnax-il elf erba' mija u sitta u ħamsin (12456) shares;

Dan il-kont għandu jiġi terminat u jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[81] Dok. PM 11 a fol. 406.
[82] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.
[83] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.
[84] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.

U

*Shares tat-tip Wignaourt Malta Fund Accumulator mal-BOV Asset Management fuq isem iż-żewġ partijiet (Ref. 170366)*[85] li r-rappreżentanta tispgeja li fl-2011 kien hemm *redemption of shares* u l-flus kollha nġibu mill-partijiet.

*3. Shares tat-tip La Vallette Euro Malta Money Fund mal-BOV Asset Management fuq isem A B D (Ref. 176523)*[86] li r-rappreżentanta tispgeja li fl-2011 kien hemm *redemption of shares* u l-flus nġibu kollha;

Dawn il-flus inġibdu fl-2011 meta l-partijiet kienu għadhom flimkien u l-Qorti ma għandiex provi li dawn il-flus inħbew mill-attriċi. L-attriċi kienet għadha f'dak iż-żmien tipprovdi għall-familja u għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tordna ebda rivalsa minn dan il-kont.

U

*Shares tat-tip Vilhena Euro Multimanager Fund mal-BOV Asset Management fuq isem A B D account G (Ref. 132519)*[87] li r-rappreżentanta tispjegja li fl-2008 kien hemm *transfer out* u l-flus ġew trasferiti fuq *third party* li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023[88] jiġi konfermat li dan it-terz kien G D;

*U*

*Shares tat-tip La Vallette Malta Bond Fund Accumulator mal-BOV Asset Management fuq isem A B D account G (Ref. 132519)*[89] li r-rappreżentanta tispjega li fl-2008 kien hemm *transfer out* u l-flus ġew

[85] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.
[86] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.
[87] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.
[88] Fol. 418.
[89] Xhieda tar-rappreżentanta tal-Bov Asset Management fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 a fol. 315.

trasferiti fuq *third party* li fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2023[90] jiġi konfermat li dan it-terz kien G D, it-tifel tal-konjuġi;

Il-Qorti tara li ma baqax x’jinqasam bejn il-partijiet mis-shares li kellha l-attriċi f’isimha wara t-transfers li kienu saru fis-sena 2008 meta l-partijiet kienu għadhom flimkien u l-flus li tgħaddew lil iben il-partijiet għandhom jibqgħu tiegħu.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta’ assi parafernali, fil-kawża odjerna jirriżulta biss is-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali li kif diġà spjegat u assenjat il-Qorti din hija parafernali tal-konvenut;

2. Wirt tal-attriċi li ttieħed minnha f’kontijiet personali li diġà ngħalqu u nġibdu.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, iżda dan bi ħtijiet ugwali taż-żewġ partijiet;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi għar-raġunijiet premessi fit-taqsima erbgħa (4) ta’ din is-sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***Manteniment għall-attriċi;***

3. Tilqa’ t-tielet talba attriċi, u t-tielet u r-raba’ talbiet rikonvenzjonali limitatament għal dak li hemm premess fil-ħames (5) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***“It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma***

[90] Fol. 418.

***parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali”* u tiċħad it-talbiet għan-nomina ta’ Nutar għaliex ma hemmx il-bżonn*;*

4. Tiddeċiedi dwar ir-raba’ talba attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali skont dak premess fit-taqsima tlieta (3) ta’ din is-sentenza u *ċioé* t-taqsma intitolata “***Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut”;***

5. Tilqa’ l-ħames talba rikonvenzjonali skond dak li hemm premess fil-ħames (5) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***“It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali”***

Bl-ispejjeż u drittijiet ta’ din il-kawża jiġu sopportati miż-żewġ partijiet f’ishma ndaqs bejniethom.